HABEŻ : *Maħbeż* = forn. *Ħabbież* = furnar, minn ħobż.

KITEB : *Mikteb*, uffiċju (fejn isir il-ktib) jew skrivanija (fuqiex isir il-ktib).

LIBES : Jilbes, Lbies. *Milbes* (l-imkien fejn wieħed jilbes = *vestwarju*). *Mliebes*: il-ħwejjeġ li jintlibsu.

SAMA': Jisma'. Smigħ. *Semmiegħa* ħaġa li tisma' biha. Qiegħed is-*semmiegħa* ma'widintek sewwa biex tisma' tajjeb it-telefonn.

SAJJEF : Minn *Sajf*. Qrabatna ta' Tunes kull sena jiġu *jsajfu* (igħaddu s-sajf) f'Malta. *Masif* = mkien għall-"villeġġjatura" *Musajjifin* = nies li jsiefru biex igħaddu s-sajf.

SAQ : Isuq. *Sewwieq* ta' karrettun jew *Sewwieq* ta' karrozza = xuffier.

WAQAF : Jieqaf. *Mawqaf* jew *Miwqaf* (stage). L-imkien fejn wieħed jieqaf. Biex tmur il-Marfa ħu l-karozza li titlaq mill-*Mawqaf* ta' Putirjal.

A.G.S.

## *LEHEN IL-GHAQAL*

Min jibqa' sieket ma jarra qatt.
Id-dinja ma fihiex piena li s-sema ma jistax ifejjaq.
Għall-ħmar ta' rasu, għasluġ iebes.
Il-ħajja mhix rebħa, iżda taqbida.
Il-Mulej ifejjaqna u t-tabib jitħallas.
Il-ġerħa tfiq, lè l-kelma iebsa.
Il-jum huwa tagħna, iżda l-għada t'Alla.
Bosta nies taħdem għall-jum li le ma tara.
Leħen ta' wieħed, leħen ta' ħadd.
Il-kelma ma tħallix tbenġila.
Mil-lift ma teħdux demm.
Titlef ħabib hija l-akbar telfa li wieħed jista' jġarrab.
L-għaqal huwa għar-ruħ, dak li s-saħħa hija għall-ġisem.
Mita t-trieq tal-ħajja tiġi biex tikser, skansa l-minkeb tal-ħajt.

C.M.D.

## INNU TA' FERĦ
## BIEX JITKANTA FIL-PROĊESSJONI
## TA' NHAR IL-LUNZJATA

Iftaħ qalbek għall-hena tas-sema,
ġens imjassar fil-għera tad-dnub;
ilek tibki w tiġġerra bla faraġ,
b'qalbek mejta, bi ħsiebek midrub:

ara t-Tfajla sabiħa ta' Jesse,
ara l-Anġlu, tal-Fidwa ħabbar;
isma' l-kelma ħanina minn Alla
xi ddoqq ħelu fis-satra tad-dar:

Is-sliem għalik, Marija,
int, xebba tax-xebbiet,
tkun omm, u fik titwettaq
il-Wegħda tas-smewwiet.

Kisser, kisser il-ktajjen tal-jasar;
ibda l-għanja tal-ferħ, tal-ħelsien:
le, mhix ħolma di' l-fawra ta' mħabba
li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien.

Il-Ħabbar illi stenna t-tweġiba
qed jitbissem, hemm dija f'għajnejh;
ħarġet kelma mill-fomm ta' Marija,
li qatt bħalha ma semgħu widnejh:

Jekk bix-xejn tiegħi għoġbu
jitgħaxxaq il-Mulej,
titwettaq fija kelmtek,
ħa' jasal il-Feddej.

•

Dalwaqt tasal fid-dija tas-sema
fuq il-ħeffa tal-ġwienaħ l-aħbar;
dalwaqt tisma' fuq l-arpi tal-Ġenna
idoqq l-innu tal-Għaġeb li sar;